MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 19/2003/1

Rikors Nru: 19/03

Kummissarju ta' l-Art

vs

Anthony Vincent u Amelia Barbara

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fil-15 t'April, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 14 ta' Jannar, 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 126 metru kwadru li tmiss mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Anthony Vincent Barbara u mill-Grigal u mix-Xlokk ma' Triq Redentur huwa ta' sebat elef, disa mija u ghaxar liri

Maltija (Lm7,910) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. tal-5 ta' Dicembru, 2002 li kopja tieghu hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tliet liri Maltin u hamsin centezmu (Lm21,703.50).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fis-6 ta' Frar, 2003 fejn esponew:

Illi mhumiex jaccettaw l-kumpens lilhom offrut ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 126metru kwadru, li tmiss mil-Lbic ma' proprjeta' tal-mittenti u mill-Grigal u mix-Xlokk ma' Triq Redentur, liema kumpens propost hwua ta' Lm7910 (sebat elef, disa' mija u ghaxar liri Maltin).

Il-mittenti qieghda titlob is-somma ta' Lm21,703.50 (wiehed u ghoxrin elf , seba' mija u tliet liri Maltin u hamsin centezmu) bhala kumpens ghall-art hawn fuq imsemmija, skond ir-rapport tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi, hawn anness (Dok A).

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Godfrey Vella u l-AIC Michael Refalo.

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrent stima l-qasam fl-ammont ta' Lm7910, l-intimati jippretendu kumpens ta' Lm21,703.50.

2. Il-periti mahtura mill-Bord stmaw l-art li hi fabbrikabbli fl-ammont ta' Lm8480.

Ghalhekk il-Bord jordna lill-intimati li jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 126 metru kwadru li tmiss tmiss mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Anthony Vincent Barbara u mill-Grigal u mix-Xlokk ma' Triq Redentur skond pjanta esebita bil-kumpens ta' Lm8480.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar id-29 ta' Marzu, 2006; jahtar lill-avukat Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci li ghandu jigi mgharraf b'din il-hatra mir-rikorrent.
L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------